# 20 Sena Kor San Tumas (1985 - 2005)

minn Mary Polidano



Kienet l-idea u x-xewqa tal-Kappillan Patri Ġorġ Frendo OP, li fil-parroċċa jkun hemm kor ta' livell, biex fil-ġranet tal-festa, u f'xi okkażjonijiet oħra, dan il-kor ikun jista' jagħti sehem b'livell ma' orkestra tal-korda b'mużiċisti professjonali, u biex jagħti sehem f'kull okkażjoni oħra importanti tal-parroċċa, bħalma jsir f'parroċċi oħra. Il-kappillan issuġġerixxa wkoll li jibda jsir *Christmas concert* dak ta' lejlet il-Milied, li baqa' jsir regolari tul l-aħħar 20 sena, serata impenjattiva, b'livell għoli mill-kor San Tumas.

## 20 Sena Parroċċa

Billi kien wasal iż-żmien li l-parroċċa tagħlaq 20 sena, il-kappillan xtaq li għal dawn il-festi l-kor il-ġdid, ikun jista' jagħti sehem attiv, u jorganizza ***Akkademja Mużiko-Letterarja*** għal din l-okkażjoni.

L-idea kienet sabiħa u tajba, imma l-affarijiet ma kinux faċli.

Għal dan l-għan, ġie avviċinat is-Sur Nikol Ciantar, muziċista magħruf, persuna addattata biex jinbeda x-xogħol u jitwettaq megħjun mill-mara tiegħu Rose, sopran ta' esperjenza, u t-tifel tiegħu Noel, b'diploma fil-mużika li kienet għadha friska.

Kemm Rose, kif ukoll Noel, kienu diġà rrankati b'esperjenza ma' diversi kori u orkestri oħra b'fama, fosthom dawk tat-Teatru Manoel. B'dawn it-tlieta flimkien, kienu *team* li ma setax jonqos, l-idea kellha tirnexxi u tagħti riżultat professjonali tajjeb.

Il-kappillan avviċina lil Nikol, u wara li wrieh x'kien jixtieq, *The Ciantars* aċċettaw it-tlieta li jiehdu dan l-impenn. **Ix-xogħol inbeda b'determinazzjoni.**

## Il-Kor ta' Fatima

Billi fil-parroċċa kien diġà jeżisti l-Kor Madonna ta' Fatima, dan sintendi kellu jkun parti mill-kor il-ġdid, però dan ma kienx biżżejjed, ridna element mużikali u aktar żagħżugħ, biex ikun jista' jiġi mgħallem li jkanta b'erba' vuċijiet separati, (differenti) **S.A.T.B.**

Dak iż-żmien Rose Ciantar fuq inizjattiva personali tagħha, kienet tmexxi grupp taż-żgħażagħ fil-parroċċa ta' Gwardamanġa, b'tema reliġjuża u kulturali.

Parti sostanzjali minn dan il-grupp kien jifforma Kor **Gwardamangia Youth Choir** li kien attiv, u diġà kien qiegħed jagħti sehem f'ħafna attivitajiet kemm fil-parroċċa, u barra l-parroċċa. Dan il-kor taż-żgħażagħ, kien ħa sehem f'ħafna *festivals*, serati, akkademji,

tiġijiet, *father's* u *mother's day*, Karnival, u kull okkażjoni oħra. Dawn is-serati kienu jkunu organizzati regolarment kull sena minn Rose, mill-kummissjoni, u miż-żgħażagħ, fiċ-ċentru tal-parroċċa.



## Il-Kor San Tumas Kiber Aktar

Biex il-Kor il-ġdid **San Tumas** jissaħħaħ, il-kor taż-żgħażagħ li kien jikkonsisti f'madwar 25 ġuvintur u tfajliet, kellu bilfors jingħaqad mal-kor il-ġdid San Tumas, mingħajr ma jtellef l-ebda attività lill-Kor Gwardamangia Youth Choir, jew dak tal-Madonna ta' Fatima, fix-xogħol li kienu qegħdin jagħtu lill-parroċċa.

Il-Kor San Tumas kiber malajr, għax ma' dawn żdiedu wkoll oħrajn dilettanti anke minn parroċċi oħra, li għadhom jagħtu sehemhom sal-lum. Dawn ġew bi ħbiberija personali ta' Noel u Rose Ciantar. Il-kor kien jikkonsisti f'viċin il-50 membru, **S.A.T.B.** numru sodisfaċenti.

## Sar l-Ewwel Kumitat

Fil-preżenza tal-Kappillan Patri Ġorġ, saret elezzjoni, u ġie ffurmat l-ewwel kumitat u ngħata l-isem lill-kor, **San Tumas** bil-**motto** ***Infaħħru 'l Alla bil-kant.***

**L-ewwel kumitat sar fl-1985:**

| | |
|---|---|
| **Kappillan** | Patri Ġorġ Frendo OP |
| **President u Direttur tal-Kor** | Noel Ciantar A. (Mus.) L.C.M. |
| **Viċi-President** | Connie Attard Bason |
| **Segretarja** | Lucy Abdilla |
| **Teżoriera** | Josephine Baldacchino |
| **Membri** | Mary Polidano, Sylvia Tonna, Rose Ciantar, Nikol Ciantar |



*L-ewwel Kumitat (1985)*

## Problemi Mmedjati li Ridna Nsolvu

Akkwist ta' mużika, pjanu/orgni, u pjanista ddedikat li jattendi għall-provi, lokal fejn isiru l-provi, il-ġurnata addattata biex il-membri tal-kor ikunu jistgħu jlaħħqu ma' xi attivitajiet oħra, u ħafna dettalji neċessarji bi ħsieb minn qabel, biex issolvihom. Intlaħaq ftehim li Noel is-surmast direttur li jmexxi u jgħallem il-kor, jaddatta l-mużika għal erba' vuċijiet, xogħol li jeħodlok ħafna ħin, u trid abbiltà mużikali. Rose fl-assenza ta' Noel, tagħmel il-provi, u Nikol, *organiser/ coordinator* jipprovdi l-mużika neċessarja, u jipprepara kollox, għal kull bżonn ta' l-istrumenti, *photocopies*, *folders*, u kull preparament ieħor tal-mużika kollha għal kull okkażjoni. L-ewwel avveniment li ried il-kappillan kien viċin. ***Quddiesa Solenni.***

Quddiesa li kellha tkun dik ta' l-okkażjoni ta' l-**20 Sena Parroċċa**, bil-preżenza ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Għal din l-okkażjoni kien hemm bżonn li nipprovdu mużika addattata, u li jsiru arranġamenti mużikali għall-vuċijiet u orkestra ta' kull biċċa li se titkanta, biċċa xogħol li tirrikjedi abbiltà mużikali, impenn mis-Surmast tal-kor Noel.

Il-mużika tal-quddiesa u kull ma kellna bżonn għall-okkażjoni, inkluża dik tal-festa, kienet ġentilment mogħtija lilna mingħand Dun Ġużepp Cachia d-Direttur tal-Ħamrun Choir, il-kor, fejn Rose u Noel kienu taw sehemhom għal ħafna snin ikantaw mal-kor tal-Ħamrun, u Nikol bħala mużiċista fl-orkestra.



## Impenji Oħra għall-Kor

Attivitajiet li kellna quddiem għajnejna kienu bosta.

L-ewwel okkażjoni li fiha l-kor ġie impenjat, kienet il-*Christmas Concert*, li sar fl-1985. Dan kien suċċess u kien ta' livell għoli. Il-kor kien ippreparat tajjeb. Intgħażlu 12-il *carol* kollha ġodda. Dawn kienu bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Malti. Kemm il-provi, u l-*concert* kienu mmexxija mid-Direttur tal-kor, is-Sur Noel Ciantar. Il-kappillan kien sodisfatt, u qal li l-kor ta xhieda b'abbiltà professjonali. Fil-festa ta' l-1986, il-kor kanta fil-funzjoni tal-knisja lejlet u nhar il-festa, fejn qatt qabel ma nstemgħet orkestra tal-korda ma' kor organizzat, u dixxiplinat mużikalment.

Għal din l-okkażjoni żżanżan *platform* palk addattat għall-kor, fejn ta dehra tassew attraenti. Wara din l-okkazjoni fl-1986, il-kor ġie mistieden biex ikanta f'quddiesa solenni ta' radd il-ħajr f'għeluq il-25 sena saċerdozju ta' Patri Daniel Bonello Dumnikan ta' l-istess parroċċa.

Wara din l-okkażjoni, u bħalma kien mistenni l-kor il-ġdid San Tumas kellu sehem impenjattiv, fejn il-kongregazzjoni kienet sodisfatta ħafna, u l-aktar il-kappillan.

Il-kor malajr ħa fama tajba anke barra mill-parroċċa, u b'inizjattiva ta' Nikol, il-kor ġie kkummissjonat għall-ewwel darba barra mill-parroċċa biex ikanta fi programm mal-Banda Lily ta' l-Imqabba fl-






*L-ewwel Christmas Concert (1985)*

okkazjoni tal-75 anniversarju tal-banda. Kien programm operistiku impenjattiv ħafna, fejn ħadet sehem bħala solista Rose, membru mill-istess kor. Il-kor kien esegwixxa serata ta' livell għoli ħafna. Dan kien fit-18 ta' Ġunju 1986.

Il-fama tal-kor aktar kibret malajr, għax f'dik is-sena stess, il-kor ġie mistieden biex jieħu sehem f'akkademja **Mużiko-Letterarja** mal-banda ta' l-Imsida, b'diversi solisti ta' l-istess kor.

Il-Milied ta' l-1986 wasal ukoll, u għal dan il-*concert*, erġajna esponejna *carols* ġodda li nstemgħu għall-ewwel darba, kemm fil-parroċċa kif ukoll f'Malta.

Fil-festa ta' l-1987, biex il-kor jagħti dehra aktar professjonali, żanżan l-ewwel uniformi li kienet attraenti ħafna.

**Fl-1987 sar it-tieni kumitat li kien kompost minn:**

| | |
|---|---|
| **Kappillan** | Patri Ġorġ Frendo OP |
| **President u Direttur tal-Kor** | Noel Ciantar A. (Mus.) L.C.M. |
| **Viċi-President** | Connie Attard Bason |
| **Segretarja** | Doris Barbara |
| **Teżoriera** | Angela Bianchi |
| **Membri** | Mary Polidano, Charmaine Cortis, Nikol Ciantar |

Hawn waslet l-iktar sena mistennija u impenjattiva għall-parroċċa.

**1 ta' Frar 1988. Is-sena ta' l-20 anniversarju tal-parroċċa.**

Din l-okkażjoni kienet ġiet onorata biż-żjara ta' l-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Għal dan l-avveniment saru preparamenti kbar. Quddiesa solenni, mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof. Saret ukoll għall-ewwel darba fil-parroċċa **Akkademja Mużiko-Letterarja**, fejn ħa sehem il-Kor San Tumas b'solisti ta' l-

istess kor, fosthom is-Sopran Rose Ciantar. Il-kor kellu xogħol impenjattiv ħafna, fejn kanta mużika kemm sagra, kif ukoll operistika addatta, ma' poeżiji li nqraw minn diversi persuni mill-parroċċa għal din l-okkażjoni.



## Il-Kor barra l-Parroċċa

Il-kor kiber aktar, u sar magħruf ħafna aktar barra l-parroċċa.

Għal diversi snin konsekuttivi l-kor ħa sehem fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' l-Imqabba, fejn solisti mill-istess kor kantaw mal-banda, l-innu l-kbir u dawk popolari. Kanta wkoll għal diversi snin, Quddiesa Solenni u innijiet, nhar il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja. Il-kor ħa sehem għal diversi snin ukoll nhar il-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop. Hemm tkanta programm operistiku, u wkoll l-innu l-kbir tas-Surmast Jos. Abela Scolaro. Okkazjoni oħra importanti kienet, meta din id-darba il-kor irnexxielu jidħol ġol-**Kon Katidral ta' San Ġwann** il-Belt, mistieden mill-Malta Band Club Association. Hemm kanta Quddiesa Solenni ta' Lorenzo Perozi fl-okkażjoni nhar Santa Ċeċilja fit-22 ta' Novembru 1992 Patruna tal-mużiċisti. Il-kor ħa sehem ukoll fil-miġja **tal-Q.T.** il-**Papa Ġwanni Pawlu II**. Dawn l-impenji muzikali kollha saru b'inizjattiva personali ta' Nikol.

## Il-Kumitat tal-Kor Jieħu Deċiżjoni

Il-kumitat tal-kor iddeċieda li l-kor jagħti servizzi lill-**parroċċa biss**. Ir-raġunijiet kienu bosta. Fosthom l-akbar, kienet li peress li l-membri tal-kor huma attivi f'ħafna kumitati, u f'ħafna oqsma oħra ġol-parroċċa, l-amministrazzjoni dehrilha li ma setax ikun hemm ħin biex isiru provi biżżejjed għall-kor biex ilaħħaq ma' l-impenji li beda jkollu. Il-kor iddedikajnieh għall-parroċċa, għal kull okkażjoni.

## Deċiżjoni tal-Kappillan il-ġdid P. Joseph Bonnici OP

Il-Kor Madonna ta' Fatima li kien jikkonsisti f'nisa biss, kien ilu jiffunzjona fil-parroċċa għal snin twal. Id-direttriċi tal-kor, għal raġunijiet personali tagħha ddeċidiet li tirriżenja.

Il-Kappillan P. Joseph Bonnici OP, inkariga lil Rose Ciantar biex tieħu ħsieb tkompli tmexxi dan il-kor. Issa il-kor b'idejn ġodda ħa forma oħra b'amalgamar ta' rġiel mal-Kor San Tumas. Il-kor, amalgamat taħt isem wieħed San Tumas, issa ġie impenjat matul is-sena kollha, u jiltaqa' regolari darba jew iżjed kull ġimgħa skond l-eżiġenzi.

Id-direzzjoni tal-kor matul is-sena fil-funzjonijiet kollha, qiegħda f'idejn Rose Ciantar. Is-Surmast Noel għad għandu l-impenn li jmexxi l-kor fil-*concert* tal-Milied, u kant lejlet u nhar il-festa tal-parroċċa.

Il-Kor San Tumas, (issa amalgamat) b'ħeġġa ġdida u koperazzjoni tal-membri, reġa' beda jieħu xi ftit servizzi ġol-knejjes anke barra l-parroċċa, dawn jiġu b'inizjattiva personali tad-Direttriċi tal-kor Rose Ciantar.

Il-kor mar ħafna drabi fuq it-televiżjoni. Snin konsekuttivi, fil-parroċċa tan-Naxxar, ukoll fil-parroċċa ta' Burmarrad, f'Ħal Tarxien, u ħafna attivitajiet oħra f'xi okkażjoni.



## Għeluq

Għall-grazzja ta' Alla għaddew 20 sena mit-twelid tal-Kor San Tumas, u l-kor għadu jiffunzjona u jibqa' jiffunzjona. Meta jieqfu l-mexxejja tal-lum, jidħlu oħrajn ġodda friski biex ikomplu fejn ħalla ħaddieħor għall-qadi tal-parroċċa, li dan kien u jibqa' l-ewwel u l-uniku skop tal-kor. Grazzi lill-membri li għadhom attivi, grazzi wkoll lil dawk il-membri kollha li xi darba taw sehem.

Hawn nixtieq nagħmel appell lil dawk id-dilettanti, kemm antiki jew ġodda, li jixtiequ jissieħbu mal-Kor San Tumas ħalli dejjem iżjed jissaħħaħ il-kor, biex ikun ta' servizz għall-parroċċa, u għal unur ta' Marija SSma. Madonna ta' Fatima.

F'għeluq l-20 sena ta' l-eżistenza tal-Kor San Tumas, dawn kienu ftit mill-memorji fqar tiegħi bħala membru attiva mill-bidu tal-kor.

Hawn irrid nirringrazzja lill-ħbieb tiegħi kollha membri tal-kor, biex jiena stajt inġedded dawn il-memorji.

Nispiċċa billi nerġa' nfakkar il-motto tal-Kor San Tumas.

**INFAĦĦRU 'L ALLA BIL-KANT.**


URANIO
EXIDE
PARK
MAGNETIC
High Performance
ENERGY
performance

THE BATTERY SHOP

1, G'Mangia Hill,
Pietà
Tel: 21 222419
Mob: 9947 3798